MINUTI

KAMRA TAD-DEPUTATI

IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT

SEDUTA NRU 23

L-Erbgħa, 14 ta' Ottubru 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.00 p.m.

Id-Deputy Speaker, l-Onor. Bernard Grech, ippreseda.

PREŻENTI

Il-Prim Ministru l-Onor. Robert Abela, il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri, il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport l-Onor. Byron Camilleri, il-Ministru għall-Finanzi l-Onor. Clyde Caruana, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà l-Onor. Glenn Bedingfield u s-Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva l-Onor. Deo Debattista kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Jerome Caruana Cilia kien imsiefer fuq xogħol parlamentari.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Alex Borg u l-Onor. Beppe Galea kienu msiefra fuq xogħol uffiċjali tal-Partit.

L-Onor. Ray Abela, l-Onor. Janice Abela Chetcuti, l-Onor. John Grech u l-Onor. Mark Anthony Sammut kienu skużati.

TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 22 li saret fit-13 ta' Ottubru 2026 kienu kkonfermati.

MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 270 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, l-Onor. Omar Farrugia, f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 424 Screenshot tal-website tal-MATSEC Examination Board li turi n-numru ta' studenti li rreġistraw għall-Main Session tal-eżamijiet tas-SEC 2026 maqsuma skont is-suġġett u l-livelli, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 1840;

f'isem il-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 425 Tagħrif dwar in-numru ta' spezzjonijiet imwettqa mill-Awtorità għall-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) fil-perjodu bejn Jannar 2024 u Ottubru 2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3121;

f'isem il-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 426 Tabella li turi tagħrif dwar karozzi tal-linja maqsuma skont il-mudell, is-sena tal-manifattura, it-tip ta' fjuwil u l-kapaċità totali, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 2745;

f'isem il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 427 Tabella li turi s-sigħat ta' rondi u l-kilometri koperti waqt rondi bir-roti mwettqa mill-Pulizija tal-Komunità maqsuma skont il-lokalità f'Malta u Għawdex bejn Jannar u Settembru 2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3052; u

f'isem il-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 428 Stqarrija mill-Ministeru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili (PR261509) datata 17 ta' Settembru 2026 bl-isem "Malta tilqa' r-rapport tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Azzjoni kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (GREVIO), Rapport maħruġ mill-GREVIO bl-isem "Building trust by delivering support, protection and justice – Malta – First thematic evaluation report" ippubblikat fis-17 ta' Settembru 2026 u dokument bl-isem "Comments by the Maltese Authorities on GREVIO's First Thematic evalution report: Building trust by delivering support, protection and justice", bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 632.

PUNTI MQAJMA MINN MEMBRI TAL-KAMRA

Il-Whip tal-Gvern, l-Onor. Naomi Cachia, ġibdet l-attenzjoni tas-Sedja li wara r-ruling tas-Sedja mogħti fis-Seduta 21 tat-12 ta' Ottubru 2026, dwar stqarrija maħruġa mill-Partit Nazzjonalista, l-istruzzjonijiet li ngħataw fir-ruling biex issir korrezzjoni kienu ġew applikati biss għat-titlu tal-istqarrija li reġgħet inħarġet bl-istess kontenut.

Is-Sedja ħadet nota tal-punt imqajjem u qalet li ser tagħti direzzjoni fi stadju ulterjuri.

MOZZJONIJIET

ESTIMI TA' DĦUL U NFIQ TA' PATRIMONJU MALTA GĦAS-SENA FINANZJARJA 2026 – MOZZJONI 64

Il-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali, l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea, ippropona:

Illi l-Kamra tapprova l-Estimi ta' Dħul u Nfiq ta' Patrimonju Malta għas-sena finanzjarja mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026, skont l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap. 445.

L-Onor. Romilda Zarb issekondat.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea, l-Onor. Marilena Gauci, l-Onor. Mariah Meli, l-Onor. Justin Schembri, l-Onor. Romilda Zarb u l-Onor. Michael Piccinino.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Michael Piccinino qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 429 Mappa taċ-ċentru ta' Ħal Tarxien maħruġa mill-Planning and Design Unit, Infrastructure Malta li turi l-eżistenza ta' ġibjun taħt l-art.

Meta d-Deputy Speaker qiegħed il-mistoqsija fuq il-mozzjoni kif imressqa mill-Ministru għall Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali, intalbet votazzjoni, li kellha tittieħed f'seduta li tiġi stabbilita skont il-mozzjoni ta' proċedura numru 62.

Fis-6.56 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

AĠĠORNAMENT

Il-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali, l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 19 ta' Ottubru 2026 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

Mozzjonijiet

L-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali, u l-Att dwar il-Vittmi tal-Kriminalità (Traffikar tal-Persuni)

Ordnijiet tal-Ġurnata

Abbozz ta' Liġi sabiex jemenda Varji Liġijiet dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar	Tieni Qari
Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Intrapriża Soċjali	Tieni Qari (Kont.)
Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Iskrinjar tal-investiment Dirett Barrani	Tieni Qari
Abbozz ta' Liġi dwar l-Emissjonijiet tal-Metan fis-Settur Upstream taż-Żejt u l-Gass (Miżuri ta' Infurzar)	Tieni Qari
Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji	Tieni Qari
Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji li għandhom x'jaqsmu mas-Servizzi Finanzjarji	Tieni Qari
Estimi ta' Dħul u Nfiq ta' Patrimonju Malta għas-sena finanzjarja 2026	Votazzjoni

Jew xi aġenda oħra li tista' tiġi kkomunikata aktar tard.

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Armi	Kumitat Permanenti
Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji	Kumitat Permanenti

Skont ftehim milħuq, il-ħin tal-aġġornament, li kien imiss lin-naħa tal-Oppożizzjoni, inqasam bejn kelliema tal-Oppożizzjoni u kelliema tal-Gvern. Min-naħa tal-Oppożizzjoni tkellem l-Onor. Frank Anthony Tabone u min-naħa tal-Gvern tkellem l-Onor. Anthony Agius Decelis.

Fis-7.28 p.m. id-Deputy Speaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 19 ta' Ottubru 2026 fl-4.00 p.m. kif komunikat mill-Ministru għall Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali.

ELEANOR SCERRI
SKRIVAN TAL-KAMRA

KONFERMATI

ONOR. CARMELO ABELA
SPEAKER